# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, it-Tnejn, 28 ta' Diċembru, 2020

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1725/20TA**

**Angelo sive Gino Tabone, electrician, iben Carmelo u Elena nee' Bonnici, imwieled Birkirkara, Malta nhar is-sitta ta' Marzu tas-sena elf disa' mija sitta u ħamsin (6.03.1956), detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru: 180656 (M) u Elisabeth Tabone, mart l-imsemmi Angelo, mara tad-dar, bint Ġużeppi Camilleri u Antonia nee' D'Amato, imwelda Pieta', Malta nhar l-erbgħa ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tnejn u sittin (4.09.1962), detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 552362 (M) u t-tnejn li huma residenti ġewwa Flat numru erbgħa (4), numru mitejn erbgħa u għoxrin (224) u msemmi "Velvet Rose", Triq is-Swieqi, Swieqi, Malta u Saviour sive Sunny Tabone, electrician, iben Carmelo u Elena nee' Bonnici, imwieled Birkirkara, Malta nhar l-ewwel ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1.08.1959), detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru: 504959 (M) u Marian Tabone, mart l-imsemmi Saviour, mara tad-dar, bint Carmelo Camenzuli u Duminka nee' Sciberras, imwielda Tarxien, Malta nhar it-tnejn ta' Mejju tas-sena elf disa' mija tmienja u ħamsin (2.05.1958), detentriċi tal-karta ta' l-identità bin-numru: 393558(M) u t-tnejn residenti "Heavenly Lord", Triq Sir William Jervous, Naxxar, Malta**

***kontra***

**Mark Grech, direttur ta' kumpanija, bin Joseph u Maria nee' Tabone, imwieled Victoria, Għawdex nhar is-sittax ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (16.08.1968) u residenti "The Penthouse", "Olive Gardens", Sruġ Street, Xagħra, Għawdex, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru: 23968 (G)**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Angelo sive Gino Tabone u oħrajn tad-9 ta’ Diċembru 2020;

Rat id-digriet tagħha li jġib l-istess data;

Rat il-verbal tal-21 ta’ Diċembru 2020 fejn Dr. Damien Bigeni għall-intimat iddikjara li ma għandu ebda opposizzjoni li jintlaqgħu t-talbiet tar-rikorrenti, pero’ mhux sa fejn jirrigwarda l-propjeta’ deskritta fil-paragrafu enumerat (iii) fir-rikors promotur, peress li din diġa’ ġiet trasferita lil terzi;

Rat illi Dr. William Cuschieri għar-rikorrenti baqa’ jinsisti li din il-propjeta’ għandha ukoll tkun miżmuma minn din il-Qorti, sakemm ma tinġiebx prova li dan il-kuntratt tassew sar u li ġie insinwat skont il-liġi;

Rat l-atti u dokumenti kollha f’dawn il-proċeduri;

Rat li r-rikors tħalla għal digriet *in camera*;

**Konsiderazzjonijiet**

Permezz ta’ dawn il-proċeduri r-rikorrenti jridu li jinibixxu lill-intimat milli jbiegħ, jitrasferixxi jew jagħmel l-atti l-oħra kollha li jsemmu, il-propjetajiet immobbiljari minnhom imsemmija, inkluża dik deskritta fil-paragrafu (iii). Din tikkonsisti fin-nofs indiviż tal-propjeta’ li tinsab fil-blokk ta’ bini magħruf bħala Pentagon Court, fi Triq il-Qroqq, Imsida u kif aħjar deskritta fir-rikors odjern. It-talba qegħdha issir abbażi tal-artikolu 874 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta’ Malta biex jikkawtelaw il-pretensjoni li tammonta għal tmenin elf ewro (€80,000).

Il-Qorti tibda biex tfakkar li sabiex talbiet taħt dan l-artikolu jintlaqgħu, kull ma jeħtieġ li jirrisulta huwa, li hemm kreditur u li l-pretensjoni tkun teċċedi l-ammont imsemmi f'artikolu 874(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Ara **digriet fl-atti tar-rikors għall-ħruġ ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru 61/2015 JZM fl-ismijiet: Munqar Limited (Numru ta` Reġistrazzjoni C15819) kontra Carmen Farrugia (ID 355758M), xebba, bint il-mejtin Joseph Farrugia u Salvina Farrugia xebba Cutajar, imwielda u residenti ż-Żurrieq**). Dan ifisser, li l-eżami li trid tagħmel din il-Qorti, kuntrarjament għal meta t-talba issir taħt artikolu 873 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, huwa wieħed formalistiku għall-aħħar.

Fi kwalunkwe każ, fil-proċeduri li għandha quddiemha din il-Qorti, l-intimat ma hux jopponi li jintlaqgħu t-talbiet, salv għall-propjeta' imsemmija aktar 'l fuq, li illum hija trasferita lil terzi. Jidher, li din il-propjeta' tassew ġiet trasferita permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Maria Pisani tad-19 ta' Ottubru 2020. B'dana kollu, ir-rikorrenti qegħdin jopponu, sakemm ma jkunx hemm prova, fost oħrajn li dan il-kuntratt ġie insinwat u jridu għalhekk li din il-propjeta' tiġi ukoll miżmuma.

Wara li eżaminat l-atti partikularment id-dokumenti esebiti permezz tan-nota tat-22 ta' Diċembru 2020, il-Qorti ma għandha jkollha ebda dubbju, fid-dawl tal-kopja tal-kuntratt esebit, li din il-propjeta' ġiet tassew trasferita bil-kuntratt inkwistjoni. It-trasferiment tal-propjeta' jsir bl-Att u mhux bl-insinwa, għalkemm huwa minnu, li din għandha valur sa fejn jitratta drittijiet ta' terzi. Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet il-Qorti tfakkar, li mandat ta' inibizzjoni huwa maħsub fil-liġi biex iżomm lil xi ħadd milli jagħmel xi ħaġa ("a non fare") (Ara **P.A. RCP 23.7.2001 fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet James Pearsall et noe vs Maurice Zarb Adami et noe u kif ukoll per Imħallef Joseph R.**

**Micallef 10.7.2007 fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 873/07 fl-ismijiet: Carmela Gauci vs Joseph Mifsud)**.

Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti bl-esklużjoni tal-propjeta' fuq imsemmija.

Għaldaqstant, il-Qorti għar-raġunijiet fuq imsemmija, fil-waqt li tikkonferma l-ordni tagħha tad-9 ta' Diċembru 2020 inkwantu jirrigwarda l-propjeta' indikata fir-rikors promotur, bl-esklużjoni tal-propjeta' imsemmija hawn fuq u indikata bin-numru (iii) fir-rikors odjern, qed tilqa' definittivament it-talbiet rikorrenti, bil-modifiki hawn imsemmija u ċioe' bl-esklużjoni tal-propjeta' imsemmija f'dan id-digriet.

Kopja ta' dan id-digriet għandha tiġi notifikata lill-Awtoritajiet imsemmija fid-digriet tad-9 ta' Diċembru 2020 sabiex jagħmlu dak li trid minnhom il-liġi.

Spejjes ta' din il-proċedura a' karigu tal-intimat.

**Mogħti kameralment illum 28 ta' Diċembru, 2020.**

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**